KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 38

It-tlieta u sebgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Viċi Sindku |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** (Skont Ordni Permanenti 14A (3) | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6pm:*

*38.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 37;*
*38.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*38.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*38.5 Rapporti ;*
*38.6 Items Oħra ;*
*38.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*38.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*38.9 Mozzjonijiet ;*
*38.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 38.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

38.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera D. Muscat, J.Pillow, P.Portelli u E.Borg biex jiġu skuzati minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġu reġistrati bħala assenti b'apoloġija. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi l-kunsillier P.Radmilli kien se jkun tard.

## 38.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 37

38.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 37 għall-approvazzjoni. Il-kunsillier D.Soler ippropona li jiġu approvati u l-Kunsillier A. Debono issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera prezenti. *Approvazzoni minuti 37*

## 38.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

37.3.1 Is-Sindku qal illi fl-aħħar laqgħa talab illi tintbagħat mozzjoni f'każ illi hemm kunsilliera li jixtiequ li l-Pjazza tkun area pedonali. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li ma rċieva l-ebda mozzjoni. Is-Sindku qal illi b'hekk din hija każ magħluqa u d-deċiżjoni oriġinali tal-Kunsill għanda tkun rispettata. *Pjazza Lunzjata*

Is-Sindku qal illi l-problema tal-parking mhix se tiġi solvuta waħedha u t-tneħħija ta' postijiet ta' parkeġġ se tkompli toħloq problemi għar residenti. Fl ewwel ta' Diċembru se ssir laqgħa mal TM dwar ir-Residential Parking u rrid ikun jaf għalfejn ittieħdet id-dritt tagħna biex ikollna residential parking fil-passat. Qal illi meta nagħlqu din il-ġlieda nkunu f'pożizzjoni biex nippjanaw li postijiet bħal din il-pjazza jkunu pedonali.

38.3.2 Is-Sindku qal illi l-Kunsill għandu juri apprezzament lejn resident li rriskja ħajthu biex jissalva persuna oħra. Kien għalhekk illi intbagħtet messaġġ lil kulħadd fejn kien hemm qbil bejn il-kunsilliera li wieġbu li jingħata l-unur ta' Ġieħ Tas-Sliema. Sabiex inzommu mall-proċeduri din it-talba intbagħtet lill-membri tal-Bord tal-għażla li b'mod unanimu qablu mall-ġest tal-Kunsill. *Ġieħ Tas-Sliema: Sean Meli*

Il-kunsillier K.Wain qal illi kien hemm persuna oħra li kien involut u wara li prova jgħin lit-tifel, il-kummenti lejh ma kienux favorevoli u jħoss illi għandna nuru solidarjeta miegħu għall-fatt illi prova jgħin lil din il-persuna minn traġedja. Wara diskors kien hemm qbil illi għandu jingħata rikonoxximent għall-att ammirevoli izda ma kienx hemm qbil jekk għandu jingħata Ġieħ Tas-Sliema wkoll. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi l-kondizzjonijiet biex wieħed jiġi nominat għall-Ġieħ Tas-Sliema huma ċari u effettivament waqt illi wieħed għandu dritt għall- Ġieħ Tas-Sliema, il-persuna l-oħra mhix eliġġibli.

Il-kunsillier D.Soler qal illi għanda tingħata premju izda mhux Ġieħ Tas-Sliema li għalqet għal din is-sena. Is-Sindku fakkar illi intbagħtet messaġġ lill-kunsilliera kollha u dawk illi rrispondew qablu, kif ukoll illi ma konna nagħmlu xejn mingħajr l-approvazzjoni tal-Bord. Din se ssir għax din l-att ta' eroismu saret viċin ħafna tal-attivita u xierqa li tingħata rikonnoximent tal-ġest. Dawn se jingħataw waqt il-laqgħa tal-lokalita fis-7 ta' Diċembru 2021.

37.3.3 Is-Sindku qal illi rċieva talba mingħand residenti ta' triq Moroni sabiex il-Kunsill jikkunsidra jixtri biċċa propjeta f'dik l-area fejn hemm passaġġ mall-kantuniera ta' triq Parisio. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta. Is-Sindku qal illi hemm passaġġ f'din it-triq, kantuniera ma triq Parisio, u għanda tkun hemm kuntratt bejn il-Kunsill, il-P.A u l-iżvillipatur sabiex ikun hemm bil-miktub illi l-passaġġ trid tiġi mantenata. *Moroni ma' Parisio*

Kien hemm qbil sabiex isir din il kuntratt

37.3.4 Is-Sindku qal illi bdejna nagħtu servizz ta' Council Cab wara nofsinhar. Is-Sindku kkonferma li x-xufier huwa ħaddiem tal-Kunsill li jagħmel xogħol ta' handyman izda jħoss illi qed jagħti kontribut aħjar fl-irwol tiegħu bħala xufier, fejn il-kummenti mingħand in-nies hija ferma pożittiva. Is-Sindku ssuġerixxa li meta tispiċċa l-isponsor fi Frar, dan l-impjegat ikun ix-xufier full-time tal-Council *Council Cab*

Cab.
Kien hemm qbil unanimu.

*Il-kunsillier P.Radmilli daħal fis-18.45*

**Is-Sindku talab illi Item 38.6 tiġi diskussa qabel punti oħra fl-Aġenda minħabba l-importanza tagħha. Kien hemm qbil.**

**38.6 EXILES**

38.6.1 Is-Sindku fakkar illi hemm il-permessi meħtieġa għall-Car Park ta' Exiles. Qal illi l-Perit, mingħajr ma ġie lura għand il-Kunsill, ikkalkula li l-proġett se tiġi tiswa €9.7 miljun. Is-Sindku staqsa jekk għandna nikkonsidraw dan l-investiment b'dan l-ammont u jekk tagħmel sens għall-Kunsill. BOQ

38.6.2 Il-kunsillier W.V.Baldacchino qal illi l-infieq hija waħda essaġerata u ma jarax illi hija vijabli għall-Kunsill. Qabel illi għandna nitkellmu mall-Accountant jekk l-estimi juru li din se tkun 'profitable' u jekk mhix naraw mall-Gvern Ċentrali. Izda qal fil-fehma tiegħu għanda ssir il-ġnien illi ġiet proposta bħala parti mill-applikazzjoni.
Il-Viċi Sindku qalet illi l-ġnien għanda ssir izda ma nagħlqux il-ħsieb fuq il-parking.

38.6.3 Is-Sindku qal illi l-kont tal-Perit ġiet tiswa €78,000. Irrakomanda li tiġi kkontestata l-ammont tal-kont. Żied ukoll illi hemm min avviċinaħ sabiex din il-proġett isir b'kollaborazzjoni ma stabbiliment lokali. Kont tal-Perit
Fuq dan il-punt il-kunsillier P.Radmilli qal illi għandna nkunu attenti li ma tiġix interpretata li l-proġett saret għall stabbiliment u mhux għall-interessi tal-lokalita. Qal ukoll illi għandna niltaqaw mall-UDF għalhiex niddependu fuqhom għall-fondi. La se jkun hemm introjtu, din se tkun problema fl-applikazzjoni tagħna mall-UDF.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi diġa saru pagamenti u għandna naraw x'pagamenti kienu dawn li kienu marbutin mall-proġett. Qal illi għanda tiġi identifikata wkoll kemm ħallasna lil Perit għas-servizzi tiegħu.

38.6.4 Il-kunsillier A.Debono staqsa jekk hemm fiduċja fil-Car Park. Is-Sindku qal illi fis-sajf se jkun hemm domanda kbira għalija, forsi Deċiżjoni

fix-xitwa ma tkunx daqshekk kbira.
Il-kunsillier A.Debono qal illi l-P.A ħadu ammont ta' flus ftit ta' snin ilu [€2 miljun] mill-UDF. Staqsa dwar il-possibilta li nieħdu dawn il-fondi lura għall-proġett.
Id-deċiżjoni finali kienet illi ssir laqgħa mall-UDF u minn hemm nistudjaw il-possibilta ta' kollaborazzjoni ma entitajiet oħra.

**38.5 RAPPORTI**

38.5 Il-Viċi Sindku staqsiet dwar il-kameras fuq l-RCV's. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-informazzjoni dejjem kienet illi f'Jannar 2022 ir-Reġjun se jibdew jieħdu ħsieb il-ġbir tal-iskart, izda mid-dehra, avolja m'hemm xejn uffiċjali, jidher illi din mhix se ssir almenu fil-preżent. Għalhekk għanda toħroġ CfQ għax-xiri ta' dawn il-kameras li se jkunu propjeta tal-Kunsill.

**Il-kunsillier D.Soler ħareġ fit-20:15**

**38.7 ITEMS OHRA**

38.7.1 Is-Sindku qal illi l-Perit mhux qed jirrispondu għat-talbiet ta' informazjzoni rigward il-proġett ta' High str. Effettivament se tkun diffiċli biex nibdew ix-xogħolijiet f'Jannar. High street
Kien hemm deċiżjoni li l-Perit għandu jirrispondi biex isir laqgħa sa nhar it-30 ta' Novembru 2021.

38.7.2 Il-Viċi Sindku qalet illi waslu Doggy Bins ġodda u se jitpoġġew f'posthom. Doggy bins

38.7.3 Il-Viċi Sindku qalet illi l-EF bagħtu proposta biex ninvolvu l-istudenti tagħhom f'inizjattivi tal-Kunsill sabiex tinbiddel il-perċezzjoni negattiva li hemm mir-residenti lejn dawn l-istudenti. Kien hemm qbil illi l-Kunsill jikkollabora magħhom. Il-Viċi Sindku talbet l-assistenza ta' kunsilliera sabiex jiġu għanda b'idejat. EF

38.7.4 Il-Viċi Sindku qalet illi dwar il-każ ta' Migneco, wara li l-avukat qal illi m'għandix bażi legali biex tfittex il-Kunsill issa, kien hemm qbil morali mill-Kunsill illi kien hemm danni minn naħa tal-Kunsill. Każ ta' negliġenza
Il-kunsillier P.Radmilli ssuġerixxa li ngħidulha li ma tistax tfittixna izda nagħtu xi ħaġa simbolika. Legalment hi ma mxietx mall-proċeduri legali.

Il-kunsilliera V.G.Pace qalet illi ma tħossx illi għandna nħallsu għall-kull każ u temmen illi jekk inħallus għal din, inkunu qegħdin nikrejaw preċedent fejn ikollna nħallsu għall każijiet oħra. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi din hija każ differenti għax hija każ ta' negliġenza.
Il-Kunsill qabel illi nkellmuha u naraw x'qed tippretendi mill-Kunsill.
**Il-kunsillier D.Soler daħal lura fit-20:36**

38.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-qorti tagħtna raġun fil-każ tagħna kontra Polidano fis-sens illi l-kuntrattur kellu jħallas għall-istakkat. Izda d-deċiżjoni kienet illi l-Kunsill għandu jieħu lura l-istess ammont li kellna nħallus lil Polidano u effettivament il-Kunsill se jispiċċa €22,000 minn taħt skont il-kalkuli li kienu saru. — Każ legali kontra Polidano: Deċiżjoni tal-qorti
Wara diskussjoni fit-tul ittieħdet deċiżjoni li l-Kunsill għandu jappella.

**Il-kunsillier P.Radmilli talab illi jkun skużat għall-ħabta ta' 21:00. Kien skuzat u ħareġ mis-sala.**

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat u talab għall-approvazzjoni biex il-laqgħa titkompla. Il-kunsilliera preżenti qablu.**

38.7.6 Il-kunsilllier D.Soler qal illi ġo triq Bisazza hemm ħafna ħmieġ u dlam. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkru li hemm t-tender barra għall-lstreet lighting
Il-kunsillier D.Soler ilmenta wkoll li s-siġar il-ġodda huma zgħar wisq għad-dawl tal-Milied li għanda ssir madwarhom. Il-kunsillier A.Debono ssuġerixxa li minflok indawru l-arbli li hemm bid-dawl. Kien hemm qbil.

38.7.7 Il-kunsillier D.Soler staqsa jekk ittieħdet azzjoni kontra l-istabbilimenti li ħallew skips barra. Is-S.E fakkar illi intbagħtet ittra darbtejn u f'idejn il-LESA li jenforzaw.
Is Sindku ssuġerixxa li niġbdu l attenzjoni tal-MTA fuq il-każ

38.7.8 Il-kunsillier A.Debono qal illi 80% tad-dawl tal-Milied huma lesti u ta rendikont tal-attivitajiet li se jsiru.

38.7.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm fondi tar-Reġjun għad-dawl tal-Milied. Staqsa jekk il-Kunisll jaqbel illi parti mill-ispejjez jintuzaw minn dawn il-fondi. Kien hemm qbil unanimu.

38.7.10 Il-kunsillier A.Debono staqsa dwar il-possibilita li nidbew naħsbu għat-tieni lot ta' niċċeċ. Kien hemm qbil. Niċċeċ: It-tieni lot

38.7.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Bord maħtur mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u l-impjegata s-sinja. G.Enriqiez, fejn hu kien is-Segretarju tal-Bord, qablu fuq persuna waħda fost tlett intervist li saru. Impjegata ġdida

38.7.12 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-laqgħa tal-lokalita se ssir nhar il-Tlieta 7 ta' Diċembru ġewwa 'The Imperial' fis-6pm.

**38.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI/JEW SOTTO KUMITATI**

38.8.1 Il-kunsillier P.Radmilli kien bagħat rapport tal-laqgħa tal-kumitat tal-fondi izda peress illi kellu jitlaq mil-laqgħa din ma ġietx approvata fin-nuqqas tiegħu..

**38.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

37.9.1 Il-Kunsilliera I.Fenech proponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsilliera V.G.Pace ssekondatha. Kien hemm qbil għall-approvazzjoni. Approvazzjoni tal-pagamenti

**38.10 MOZZJONI**

38.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**38.11 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA LI JMISS**

38.11.1 Is-seduta ntemmet fl-22:15. Seduta oħra ġiet imsejħa nhar il-Tlieta 14 ta' Diċembru 2021 fis-6pm.

Minuti approvati llum

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**